MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 135/1999/1

**Paul Vella**

***Versus***

***Power Projects Limited***

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab wara li korra fuq il-post tax-xogħol fejn kien qiegħed jaħdem għas-soċjetà konvenuta. Fuq talba tal-partijiet flimkien, din is-sentenza tallum hija biss dwar responsabbiltà.

L-attur fisser illi huwa kien impjegat mas-soċjetà konvenuta, u waqt li kien qiegħed jaħdem għall-konvenuta f'*Saint Martin's School*, l-Imsida, fis-17 ta' Lulju 1998, huwa korra bi ħtija tal-konvenuta li naqset illi tipprovdi ambjent ta' xogħol ħieles minn perikolu.

Minħabba fl-inċident l-attur ġarrab debilità li ma jfieqx minnha fil-persuna tiegħu, iżda għalxejn sejjaħ lill-konvenuta biex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni. Għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuta u

tillikwida d-danni li ġarrab l-attur, tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-ispejjeż u l-imgħax.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hija ma taħtix għall-inċident, li seħħ għax l-attur żelaq fit-taraġ fejn kien qiegħed jaħdem;
2. hija ipprovdiet lill-attur b’ambjent fejn seta’ jaħdem bla perikolu, u ipprovdietlu wkoll is-*safetywear* kollu meħtieġ meta huwa beda l-impjieg tiegħu magħha;
3. bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra, waqt illi l-attur qiegħed jgħid illi ġarrab debilità ta’ tmienja fil-mija (8%), id-debilità tiegħu hija biss ta’ tlieta fil-mija (3%); u
4. għalhekk it-talbiet ta’ l-attur għandhom jiġu miċħuda.

L-inċident li fih korra l-attur seħħ hekk:

L-attur kien qiegħed jaħdem għall-konvenuta fuq kuntratt li din kellha biex tagħmel xogħlijiet f’*Saint Martin’s School* fl-Imsida. Dakinhar ta’ l-inċident l-attur kien qiegħed iwaħħal xi *toilets* f’sular ta’ fuq u kellu wkoll itella’ dawn it-*toilets* u l-biċċiet l-oħra tas-*set* biex ikun jista’ jqegħedhom fuq. Billi x-xogħol kellu jitlesta sa data stipulata, dak il-ħin kien għaddej ħafna xogħol ieħor fl-iskola u ħafna ħaddiema kienu qegħdin jagħmlu xogħlijiet oħra fl-istess ħin. Fosthom, kien hemm min kien qiegħed jogħrok u jillostra l-art. Biex isir it-togħrik l-art kienet tindilek b’likwidu li jiżloq, u kien hemm minn dan il-likwidu ma’ l-art kullimkien fis-sular fejn l-attur kellu jaħdem fuq it-tqegħid tat-*toilets*.

Ġara illi hekk kif l-attur kien tiela’ t-taraġ iġorr xi biċċiet tat-*toilet sets*, rifes dan il-likwidu. Għalkemm kien liebes is-*safety shoes* illi ipprovdietlu l-konvenuta, xorta żelaq f’dan il-likwidu, waqa’ u tgerbeb it-taraġ, u ġie fuq il-polz ta’ idu tax-xellug. Ittieħed il-poliklinika u, wara, l-isptar, fejn instab li kien ċaqlaq l-għadam tal-polz ta’ idu x-xellugija. L-espert mediku maħtur mill-qorti sab illi l-attur ġarrab debilità ta’ sitta fil-mija (6%) li ma jfieqx minnha.

Billi l-attur huwa xellugi, din id-debilità fil-polz t’idu x-xellugija tfixklu ħafna fix-xogħol billi idu ddgħajfet hekk li bilkemm seta’ jiflaħ iġorr l-għodod. Fil-fatt, tilef l-impjieg tiegħu mal-konvenuta.

Fil-fehma tal-qorti, is-soċjetà konvenuta għandha twieġeb għad-danni li ġarrab l-attur billi l-inċident seħħ għax is-soċjetà konvenuta ma ipprovdietx ambjent ta’ xogħol

nieqes minn perikoli li setgħu, li kieku l-konvenuta mxiet b'għaqal, tneħħew. Ma tridx wisq biex tobsor illi min irid jimxi għal aktar minn darba fuq art li tiżloq sejjer fl-aħħar jispiċċa biex jiżloq, aktar u aktar jekk ikun qiegħed iġorr ħwejjeġ tqal. Dan ġara għax it-tqassim tax-xogħol ma sarx sew, għax l-konvenuta ma kienx imissha tħalli li jsir xogħol ieħor fis-sular fejn l-art kienet tiżloq sakemm ma jitlestiex it-togħrik ta' l-art biex din ma tibqax tiżloq. Il-fatt illi l-konvenuta kienet magħfusa għall-ħin għax riedet tlesti x-xogħol fiż-żmien stipulat fil-kuntratt ma jeħlishiex mill-ħtieġa illi ma tħallix lill-ħaddiema tagħha jaħdmu f'ambjent ta' perikolu.

Il-konvenuta fittxet li teħles mir-responsabbiltà wkoll billi tgħid illi lill-ħaddiema, fosthom l-attur, ipprovditilhom *safety shoes*, iżda dawn iż-żraben, għalkemm jilqgħu kontra perikoli oħra, ma kinux maħsuba biex timxi bihom fuq art li tiżloq[1] u fil-każ tallum ma swew għal xejn. Lanqas f'dan il-konvenuta ma għamlet dak li raġonevolment setgħet biex tnaqqas il-perikolu.

Billi, għal dawn ir-raġunijiet, issib illi l-ħtija kienet tas-soċjetà konvenuta, li bagħtet lill-attur biex jaħdem f'ambjent fejn kien hemm perikoli li setgħu tneħħew, il-qorti tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża għall-għanijiet tat-tieni u t-tielet talbiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara x-xhieda ta' Josef Camilleri fis-sedutatal-25 ta' Gunju 2001, *fol*.. 46,